MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1420/2002

**Josephine Gauci.**

**vs.**

**George Gauci.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Dicembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fis-26 ta' Dicembru 1970, minn liema zwieg twieldu erbat (4) itfal ilkoll maggorenni; u

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u

ngurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, u *in subsidium,* ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment; u

Illi l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 1744/02 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza; u

Illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti;

3. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48** *et seq.* **tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna lill-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

7. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra *ossia* tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici a fol. 4 tal-process;

Rat id-digriet ta' l-affidavits moghti lill-attrici b'terminu ta' sittin (60) jum datat 6 ta' Jannar 2003;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa ma jopponix ghall-ewwel talba ta' l-attrici pero` minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament ghall-attrici;

2. Illi l-eccipjent qed jikkontesta t-tieni u t-tielet talba *in vista* tal-fatt illi r-ragunijiet kawza ta' din is-separazzjoni personali huwa mputabbli lill-attrici u *in vista* tal-fatt ukoll li l-attrici hija finanzjarjament jew tista' li tkun finanzjarjament indipendenti mir-ragel;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 7 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess (a fol. 16); ta' bintha, Caroline Gauci (a fol. 20); u binha, Colin Gauci (a fol. 22);

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2003 fejn inghata digriet ta' nota guramentata. Il-konvenut iddikjara li kull m'hemm depoziti fil-Bank huma mitt lira Maltin (Lm100) HSBC, Qormi pero' hemm dejn ta' *circa* tlett elef lira

Maltija (Lm3,000) mal-Bank of Valletta p.l.c. fuq il-vann Toyota li qed jithallas regolarment b'mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fix-xahar. Il-Qorti ssuggeriet li jiltaqghu l-partijiet u d-difensuri sabiex jaslu ghal separazzjoni bonarja ghax jidher li din hija possibbli. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli sabiex fil-mori tad-differiment tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha attrici;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-13 ta' Mejju 2003 fejn xehedu Paul Gambina, rapprezentant tal-Bank of Valletta, Catherine Fenech, rapprezentanta ta' l-HSBC Bank (Malta) plc u James Duca, rapprezentant ta' l-APS Bank;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-attrici tirregola ruhha mad-digriet tat-13 ta' Marzu 2003 (nota guramentata). Il-Qorti ordnat li tigi ffissata l-ahhar seduta ghall-provi attrici fl-4 ta' Gunju 2003, u ghal kull buon fini ezentat lid-Direttur tas-Servizzi Socjali jew rapprezentant tieghu mis-sigriet professjonali. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata jibdew mill-ahhar seduta (4 ta' Gunju 2003). Wara tali terminu l-Assistent Gudizzjarju hi ordnata biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut, mhux aktar tard minn Novembru 2003;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fl-4 ta' Gunju 2003 fejn rega` xehedu Paul Gambina (a fol. 153), Catherine Fenech (a fol. 155), Carmel Azzopardi (a fol. 158), Saviour Mallia (a fol. 166), Adrian Attard (a fol. 170), u Caroline Gauci (a fol. 175); u fit-8 ta' Lulju fejn xehed l-Ispettur Chris Galea Scannura (a fol. 189);

Rat ir-rikors tat-30 ta' Mejju 2003 ipprezentat mill-attur fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet tas-Sekond'Awla bin-numru 1744/02;

Rat id-digriet tat-2 ta' Lulju 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu fi zmien erbghin (40) jum mill-lum;

Rat id-digriet tas-6 ta' Awissu 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ir-rikors tat-3 ta' Gunju 2003 ta' l-attrici fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut sabiex jaderixxi ruhu mad-digriet tas-Sekond'Awla ghal dak li jirrigwarda l-kontijiet pendenti;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Lulju 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex ihallas tali kontijiet immedjatament u kkonfermat id-digriet tas-Sekond'Awla *in toto;*

Rat in-nota tal-konvenut li biha esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 219);
Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-25 ta' Settembru 2003 fejn xehedet l-Ispettur Maria Stella Cutajar fil-21 ta' Novembru 2003 u fit-3 ta' Dicembru 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-15 ta' Marzu 2004 fejn xehed Samuel Nickle (a fol. 238); Vanessa Camilleri (a fol. 240); Audrey Ghigo (a fol. 242); Paul Gambina (a fol. 244);

Rat il-verbal tas-16 ta' Marzu 2004;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fl-1 ta' April 2004; tat-23 ta' April 2004 fejn xehed il-konvenut (a fol. 259);

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2004 fejn il-Qorti rat ir-rikors ta' l-attrici tal-11 ta' Mejju 2004. Il-konvenut mistoqsi mill-Qorti jikkontendi bil-gurament tieghu li qed ihallas il-kontijiet tad-dawl mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar, u li fadal mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185) pendenti bhala bilanc. *In vista* ta' dan il-Qorti laqghet l-ewwel talba u f'dak l-istadju cahdet it-tieni talba ta' l-istess rikors salv dak li jigi pprovdut fis-sentenza finali. Il-Qorti ordnat lill-konvenut jesebixxi l-ircevuti tal-hlasijiet li qed jaghmel jew ghamel fi zmien ghaxart ijiem mill-lum. Dr

Graziella Bezzina talbet li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2005.

Rat ir-rikors tad-9 ta' Novembru 2004 fejn l-attrici talbet lill-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-kontijiet tas-servizzi gravanti l-fond matrimonjali;

Rat id-digriet tal-15 ta' Novembru 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-attrici (a fol. 276);

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) MERTU TAL-KAZ.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn l-attrici qed tallega li l-hajja mizzewga m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ngurji gravi u theddid kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha, u *in subsidium* ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment.

Illi l-konvenut minn naha tieghu eccepixxa illi huwa ma jopponix ghall-ewwel talba ta' l-attrici pero' minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament ghall-attrici. Huwa jikkontesta t-tieni u t-tielet talba *in vista* tal-fatt illi l-kawza ta' din is-separazzjoni personali huwa mputabbli lill-attrici u *in vista* tal-fatt li l-attrici hija finanzjarjament jew tista' tkun finanzjarjament indipendenti mir-ragel.

### (II) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha **Josephine Gauci** xehdet illi hija zzewget lill-konvenut fis-26 ta’ Settembru 1970 minn liema zwieg kellhom erbat itfal illum kollha maggorenni. Hija spjegat li l-inkwiet li nqala’ fiz-zwieg kien minhabba li hija taf li huwa qed jibdilha ma’ mara ohra. Skond hija dan ammettih maghha u hija u t-tfal rawhom flimkien. Dan ilu ghaddej ghal diversi snin, u dan qed tghidu peress illi zewgha kien johrog hafna wahdu. Bintha Caroline, qaltilha li ltaqghet ma’ missierha Birzebbuga u huwa kien fil-kumpanija ta’ din il-mara li pero’ ma jafx x’jisimha.

Illi hija xehdet li ma titolbux sodisfazzjoni ghax mhux l-ewwel darba li refa’ jdejh fuqha. Hija qalet li kienet taghmel rapporti l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal Qormi ghax kien jibda’ jkisser l-affarijiet fid-dar u gieli bengilha. Hija rreferiet ghal xi ncidenti fejn allegatament zewgha sawwatha.

Illi l-inkwiet bejniethom kien jinqala’ wkoll peress li kien ihallihom neqsin hafna mill-flus. Qabel ma zzewget hija kienet tahdem pero’ meta qorbu ghaz-zwieg il-konvenut insista maghha li tieqaf mix-xoghol. Hija hekk ghamlet u minn dak iz-zmien qatt ma harget tahdem izda kienet tkun id-dar bl-erbat itfal maghha. Illi huwa biddel diversi xogholijiet u hareg *boarded-out* hafna snin ilu u ilu minn dak iz-zmien jircievi hlas minghand id-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali.

Illi **Caroline Gauci**, bint il-partijiet, xehdet li hi ghadha toqghod fid-dar ma’ ommha. Missierha ilu nieqes minn Ottubru 2002. Huwa garr l-affarijiet tieghu personali. Huwa jmur ftit li xejn generalment biex jaghti l-manteniment lill-attrici. Hija xehdet li taf li missierha qieghed ma’ mara ohra u ratu diversi drabi maghha. Hija ratu ricentement Birzebbuga maghha u meta avvicinatu nhasdu u missierha qalilha li kienet mara ta’ xi habib tieghu. Meta x-xhud marret id-dar sabet lil missierha jistenniha barra u meta staqsietu minn kienet il-mara beda’ jghajjat maghha. Beda jghid li hu tad-demm u l-laham, u dan skond ix-xhud kien jghidu ghax il-genituri taghha ma kienux ghadhom jorqdu flimkien. Hija taf li din il-mara anke cemplitlu u nzertathom flimkien fil-karozza. Illi hija ma tafx ezatt fejn qed joqghod missierha. Ziedet li

minn meta telaq missierha mid-dar, l-ambjent fid-dar qaleb ghall-ahjar peress li m’ghadx ikun hemm dak il-glied li kien jinqala’ bejn ommha u missierha.

Illi fl-4 ta’ Gunju 2003 Caroline Gauci tat indirizz minn fejn allegatament rat lil missierha u lill-mara li ghandu relazzjoni maghha hergin minn dan l-appartament f’Hal Safi. Kienet ghaddejja filghaxija u rat il-vann tieghu u l-karozza taghha pparkjati hemmhekk.  Ratu darbtejn. Darba minnhom ipprova jistabielha imma hija xorta ratu u t-tieni darba ratu hiereg ezatt mill-bieb. Qabdithom it-tnejn quddiem il-bieb.  Hija kkonfermat ukoll li missierha ma jorqodx fid-dar matrimonjali.

Illi **Colin Gauci,** iben il-partijiet, xehed li huwa ma jghix id-dar imma ma’ huh mizzewweg. Huwa telaq mid-dar minhabba li nqalghu xi differenzi bejnu u bejn missieru. Sakemm kien jghix fid-dar mal-genituri tieghu, mhux l-ewwel darba li kien jinqala' l-inkwiet bejniethom. Generalment l-inkwiet kien jinqala’ minhabba li ommu kien ikollha suspetti li missierha kien qed jibdilha ma’ nisa ohra, u meta kienet issemmilu b’dan, huwa kien jirrabja u jghidilha biex ma tindahallux. Huwa jaf li llum il-gurnata missieru telaq mid-dar.

Illi x-xhud kompla li ra lil missieru diversi drabi ma’ mara ohra.  Huwa rahom ghaddejjin flimkien fil-vann ta’ missieru. Huwa ma jafx din il-mara min hi jew x’jisimha pero’ kull darba li ra lil missieru ma’ mara dejjem rah ma’ l-istess wahda.  Huwa qal li ilu ma jkellem lil missieru ghal madwar tlett snin u b’hekk qatt ma avvicinah biex jistaqsih min kienet jew min hi din il-mara.

Illi tharrku wkoll ir-**rapprezentanti tal-banek lokali** li taw ix-xhieda taghhom dwar il-kontijiet bankarji tal-partijiet.

Illi xehdu wkoll ir-rapprezentanti tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali.  **Carmel Azzopardi** xehed li George Gauci applika ghall-ghajnuna socjali fil-15 ta’ Lulju 1991 fejn beda’ jithallas mill-20 ta’ Lulju 1991.  Kien hemm diversi aggustamenti matul is-snin ghal dak li jirrigwarda r-rata li kien jircievi.  Fis-sena kurrenti qed jircievi ghaxar liri Maltin

u tmenin centezmu (Lm10.80) bhala assistenza u maghhom hamsin centezmu (50) centezmu bhala *rent allowance* fil-gimgha. **Saviour Mallia** xehed dwar l-ghajnuna supplimentari u ghajnuna medika. L-ghajnuna supplimentari tinghata lil dawk li ghandhom dhul baxx jew pensjoni. L-ghajnuna medika hija *allowance* moghtija lil dawk li huma morda b'xi mard kroniku li jirrikjedi kura specjali. Huwa xehed li George Gauci qed jiehu l-ghajnuna supplimentari mill-4 ta' Jannar 2003 bir-rata ta' zewg liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm2.63) fil-gimgha. L-ghajnuna medika ilu johodha minn 1996 bir-rata ta' seba` liri Maltin u hames centezmi (Lm7.05) fil-gimgha. **Adrian Attard,** mis-sezzjoni tal-pensjonijiet, xehed li l-konvenut qed jircievi *invalidity pension* li ilha effettiva mill-25 ta' Gunju 1988. Din ghadha tithallas sa llum. Hija pagabbli meta bniedem jigi dikjarat bhala nvalidu mix-xoghol mill-bord tat-tobba. Ir-rata hija erba` u tletin liri Maltin u zbatax-il centezmu (Lm34.17) fil-gimgha, minbarra l-*invalidity pension* ghandu l-*bonus* kull sitt xhur ta' tmienja u hamsin lira Maltija (Lm58). *Inoltre* x-xhud spjega li l-konvenut ma jircieviex *block payment* ta' dawn il-hlasijiet imsemmija imma jircievi tlett pagamenti cjoe` tlett cekkijiet.

Illi xehdu **rapprezentanti tal-Kummissarju tal-Pulizija** dwar xi rapporti li saru mill-attrici.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut **George Gauci** xehed li l-inkwiet mal-mara kien minn dejjem anke fl-gherusija. Fiz-zwieg dan kompla jikber. L-akbar problema li kellhom fiz-zwieg kienet l-ghira ezagerata ta' martu fil-konfont tieghu. B'hekk kienu jiggieldu hafna. Mhux l-ewwel darba li wara xi glieda kienet torqod band'ohra u mhux mieghu. Huwa xehed li ghamlet tliet snin u nofs konsekuttivi ma torqodx hdejh. Dan kienet taghmlu ta' spiss. Kienet taghmel gimghat u xhur ma torqodx mieghu.

Illi huwa kompla li meta kien ikollhom xi jghidu martu kienet tkun aggressiva. Mhux l-ewwel darba li hebbet ghalih u pprovokatu bi kliem biex jerfa' jdejh fuqha imma qatt m'ghamel hekk. Ilsienha kien iwegga' hafna. Apparti li kienet toffendih u tghajjru, kienet takkuzah ingustament li

kien jigri man-nisa. Huwa dejjem cahdu u ghadu jichad li qatt kien jigri man-nisa. Anzi sostna li kien jibkilha biex tmur torqod hdejh u hi kienet tinsisti li ma tridx.

Illi hija ma kinitx tmur tajjeb mal-familja tieghu. *Inoltre* xehed ukoll li l-glied u t-tghajjir *da parte* taghha fil-konfront tieghu kien ukoll quddiem it-tfal anke qabel ma saru maggorenni.

Illi huwa xehed ukoll li ma jorqodx fid-dar matrimonjali ghax martu tibda' taqbad mieghu u tibda tghajjat biex jitlaq 'il barra. Sahansitra dawret ukoll lit-tfal kontrih.

**(III) APPREZAMENT TAL-PROVI.**

**(a) Responsabbilita'.**

Illi l-attrici takkuza lil zewgha b'adulterju, kif ukoll li waqt iz-zwieg mhux l-ewwel darba li refa' jdejh fuqha. Fix-xhieda taghha sostniet li ghamlet diversi rapporti l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi. In effetti meta telghu jixhdu r-rapprezentanti tal-Kummissarju tal-Pulizija kull ma gew esebiti huma zewg rapporti. Dok. “CGS” (a fol. 192 tal-process) mhux relevanti ghall-kawza odjerna ghax jitratta dwar incident bejn l-attrici u wiehed minn uliedha. Dok. “CGS 1” (a fol. 193 tal-process) jitratta dwar rapport li ghamlet hi li zewgha li kien ilu xhur nieqes mid-dar mar id-dar u beda' jargumenta maghha.

Illi pero' mill-provi komplessivament prodotti jirrizulta li l-ambjent bejn il-partijiet qabel mal-konvenut abbanduna d-dar konjugali kien wiehed movimentat sew fejn il-konvenut kien jinfexx jaghjjar lill-attrici specjalment meta kienet takkuzah li kien qed ikun ma' mara ohra. Illi huwa veru li minn naha tieghu l-konvenut cahad li qatt refa' jdejh fuqha anzi akkuza lill-istess attrici li gieli kienet tkun hija aggressiva, izda mill-provi prodotti dwar dan u f'diversi suggetti ohra, jirrizulta li x-xhieda tal-konvenut m'hijiex kredibibbli u kif anke ura f'diversi okkazjonijiet waqt din il-kawza, inkluz fl-okkazzjoni tal-kontro-ezami huwa ghal kollox evaziv fix-xhieda tieghu u hafna drabi ghazel li ma

jirripospondix ghall-kweziti li saru lilu mid-difensur tal-kontro-parti.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li din l-allegazzjoni minn naha ta’ l-attrici fil-konfront tal-konvenut giet ippruvata, anke a bazi ta’ dak li huwa verosimili, tenut kont tal-kredibilita’ tal-partijiet fil-kawza, u a bazi ta’ dan kollu din l-Qorti thoss li wara li qrat u ezaminat il-provi kollha prodotti f’din il-kawza l-attrici irnexxilha tipprova li li l-konvenut kien hati ta’ mohqrija, eccessi u ngurji gravi fil-konfront taghha u dan manifestat f’diversi modi fejn jirrizulta’ li spiss kien jghajjar u jbaxxi lil martu f’kummenti bl-addocc, kien jippreferi li johrog wahdu, kien ukoll refa’ jdejh fuq l-istess martu, fortunatament mhux b’mod regolari, kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-bzonnijiet tad-dar, u anke fl-ahharnett abbanduna d-dar konjugali b’effett minn Ottubru 2002. Dwar dan hemm ix-xhieda wkoll ta’ ulied il-kontendenti li xehdu f’din il-kawza.

Illi hawn il-Qorti ser tikkonsidra l-allegazzjoni ta’ adulterju vantata mill-attrici fil-konfront tal-konvenut u din il-Qorti fil-fatt jirrizultalha li almenu b’effett minn tali data l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ adulterju. Fil-fatt mill-kumpless ta’ provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-istess konvenut fiz-zmien tal-mori ta’ din il-kawza kien qed jghix ma’ mara ohra, u dwar dan hemm ix-xhieda ta’ l-istess uliedu, li mindu telaq mid-dar rawh diversi drabi ma’ din il-mara ohra, li giet ukoll identifikata bhala certa Francesca Vella.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b’dan li l-istess konvenut qed jinstab hati tal-firda personali bejn il-partijiet u dan minhabba li huwa rrenda ruhhu hati *verso* l-attrici ta’ adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi, li kawza ta’ l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet giet reza mhux aktar possibbli u z-zwieg ta’ bejniethom b’hekk tkisser b’mod irrevokabbli.

**<u>(ii) Manteniment.</u>**

Illi permezz ta’ Digriet Numru 1744/2002 moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili (a fol. 210), il-konvenut gie

ordnat jivversa manteniment ghal martu fl-ammont ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar. *Oltre* dan, il-konvenut gie ordnat ukoll ikompli jhallas l-ispejjez konnessi mas-servizzi gravanti l-fond matrimonjali, inkluz il-kera minhabba li l-fond matrimonjali huwa mikri lill-partijiet minghand l-Awtorita' tad-Djar.

Illi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha sostniet li ghalkemm il-konvenut dejjem hallas il-manteniment, naqas diversi drabi milli josserva l-obbligu tieghu in kwantu l-hlas tal-kontijiet. Hija nfatti pprezentat zewg rikorsi f'zewg okkazzjonijiet meta l-Korporazzjoni relattiva kienet tibghat ufficjali taghha jinformaw lill-attrici li s-servizz ta' dawl u/jew ilma kien ser jigi sospiz minhabba n-nuqqas ta' hlas da parti tal-konvenut.

Illi hija rrilevat ukoll li minhabba l-eta' taghha, tnejn u sittin sena, huwa mpossibbli ghaliha li tibda' tahseb ghal xi forma ta' ntrojtu. Ukoll minn mindu zzewget hija dejjem ghamlet xoghol ta' mara tad-dar. Hija talbet zieda fil-manteniment u dan sabiex issir aktar indipendenti mill-konvenut f'dak li jirrigwarda l-hlas ta' kontijiet. Hija qed titlob li l-ammont jitla' ghal hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) fil-gimgha. Hija ddikjarat li din it-talba ghal zieda fil-manteniment qeghda ssir konguntivament ma' dikjarazzjoni da parti taghha li l-kontijiet gravanti l-fond matrimonjali tibda' sussegwentement ghal din iz-zieda, thallashom hija.

Illi ma jirrizultax li l-konvenut jahdem. Huwa jircievi diversi beneficcji socjali. Infatti dwar dan xehdu wkoll ir-rapprezentanti tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali. **Carmel Azzopardi** xehed li George Gauci applika fis-sena kurrenti qed jircievi ghaxar liri Maltin u tmenin centezmu (Lm10.80) bhala assistenza u maghhom hamsin (50) centezmu bhala *rent allowance* fil-gimgha. **Saviour Mallia** xehed dwar l-ghajnuna supplimentari u ghajnuna medika.

Illi fil-fatt huwa xehed li l-konvenut George Gauci qed jiehu l-ghajnuna supplimentari mill-4 ta' Jannar 2003 bir-rata ta' zewg liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm2.63) fil-gimgha. L-ghajnuna medika ilu johodha mill-1996 bir-rata

ta’ seba` liri Maltin u hames centezmi (Lm7.05) fil-gimgha. **Adrian Attard,** mis-sezzjoni tal-pensjonijiet, xehed li l-konvenut qed jircievi *invalidity pension* li ilha effettiva mill-25 ta’ Gunju 1988. Din ghadha tithallas sa llum. Ir-rata hija erba` u tletin lira Maltija u zbatax-il centezmu (Lm34.17) fil-gimgha. Minbarra l-*invalidity pension* ghandu l-*bonus* kull sitt xhur ta’ tmienja u hamsin liri Maltin (Lm58).

Illi ghalhekk mill-kalkoli li jsiru a bazi tal-figuri ndikati jirrizulta li l-konvenut jircievi beneficcji socjali fl-ammont globali ta’ madwar sebgha u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm57.39) kull gimgha minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Illi minn dan l-ammont irrizulta li l-konvenut apparti l-manteniment u l-kontijiet gravanti l-fond matrimonjali kif ukoll il-kera, huwa qed ihallas pagamenti dovuti lill-Bank of Valletta p.l.c in konnessjoni ma’ l-akkwist ta’ vettura fl-ammont ta’ madwar mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar. Illi l-attrici sostniet li *oltre* dawn kollha huwa jrid jipprovdi ghalih innifsu ladarba mhux qed jghix id-dar, kif ukoll ihallas il-kera ta’ diversi garaxxijiet li juza hu. Illi dan kollu wassalha sabiex tikkonkludi li l-konvenut ghandu xi forma ta’ dhul iehor, *oltre* l-beneficcji msemmija, u dan anke tenut kont ta’ l-eta’ tieghu li ghad ghandu tmienja u hamsin sena.

Illi jinghad pero’ li l-attrici fl-istadju tal-provi taghha qatt ma gie ppruvat xi forma ta’ dhul iehor u b’hekk wisq anqas irnexxielha tipprova dan, ghalkemm ma hemm l-ebda dubju li a bazi ta’ l-ispejjez biss indikati, bhall-manteniment ta’ l-attrici, dejn fuq il-karozza, u hlasijiet ghall-bzonnijiet tieghu jekk ukoll ma’ min qed jghix. Certament li hija probabbli hafna li l-istess konvenut ghandu wkoll xi forma ta’ qliegh iehor. Izda din il-Qorti tista’ biss tiddeciedi abbazi tal-provi li hemm fl-atti tal-kawza odjerna u mill-provi prodotti jista’ jinghad li dan il-qliegh iehor ma giex *per se* identifikat.

Illi tenut kont tad-dikjarazzjoni ta’ l-attrici li ma’ zieda fl-ammont ta’ manteniment hija tibda thallas il-kontijiet hija,

allura l-ammont ta’ manteniment ghandu jizdied. B’hekk minflok tletin liri Maltin (Lm30) fil-gimgha l-konvenut ghandu jibda jhallasha is-somma ta’ erbghin lira Maltija fil-gimgha (Lm40) fil-gimgha u l-kontijiet tal-fond matrimonjali jithallsu biss minnha b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi l-attrici talbet li sabiex ma jinholqux diffikultajiet bejn il-partijiet, ikun desiderabbli li tali manteniment jibda’ jithallas lilha direttament mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali wara li jinqata’ mill-pensjoni u beneficcji socjali pagabbli fil-konfront ta’ l-istess konvenut.

Illi r-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali xehed li l-konvenut jircievi tlett cekkijiet u mhux wiehed. Illi sakemm ghad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali huwa possibbli li jsir dan cjoe` li l-attrici tircievi direttament il-manteniment taghha minghand l-istess Dipartiment din il-Qorti tilqa’ tali talba.

Illi jigi rilevat ukoll li din il-Qorti qed tordna li l-kontijiet li hemm pendenti sad-data ta’ din is-sentenza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**<u>(iii) Komunjoni ta’ l-Akkwisti.</u>**

Illi fir-rigward tal-komunjoni ta’ l-akkwisti mill-provi prodotti jirrizulta li din tikkomprendi s-segwenti:-

1) Il-fond matrimonjali, cjoe` Block 5, Triq id-Deheb Fin, Qormi, li huwa mikri lill-partijiet minghand l-Awtorita’ tad-Djar.

2) *Garage* li jinsab fl-istess lokalita’ li huwa mikri minghand il-Gvern.

3) Vettura tal-marka Toyota Reg Nru JBE 682, fuq liema vettura ghad hemm dejn pendenti li fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 2004 irrizulta li l-bilanc dovut kien ta’ tlett elef, mitejn u wiehed u ghoxrin liri Maltin u erba` u tmenin centezmu (Lm3,221.84) (Dok. “PG 7”). Il-hlas qed isir permezz ta’ pagamenti mensili ta’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fix-xahar. Dan jinsab fil-pussess tal-konvenut.

4) Vettura ohra tal-marka Isuzu Reg.Nru BBJ 719 li maghha hemm karru.

5) Ghamara u oggetti mobbli li jinsabu fil-fond matrimonjali li jikkonsisti fi tlett kmamar tas-sodda, kcina bl-*appliances*, kamra ta' l-ikel u salott. Fil-kuritur hemm *sottospecchio*, zewg siggijiet u zewg kolonni.

6) Diversi kontijiet bankarji

Illi dwar il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti jigi deciz is-segwenti dejjem *arbitro boni viri* peress f'dan l-istadju huwa mportanti li jigi rilevat li ma nghataw mill-partijiet l-ebda valuri ta' l-oggetti mobbli u vetturi li ssemmew minnhom. B'hekk din il-Qorti kellha tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni ta' l-akkwisti b'mod li hija thoss li huwa aktar gust a bazi tal-provi prodotti u dan bil-mod hawn indikat:-

1) Il-fond matrimonjali, Block 5, Triq id-Deheb Fin, Qormi li huwa mikri lill-partijiet mill-Awtorita' tad-Djar ghandha tibqa' tghix fih l-attrici flimkien ma' uliedha Caroline u Colin, ahwa Gauci, u b'hekk il-kirja ta' dan il-fond qed tigi assenjata lilha. Il-kera ghalhekk ghandha tinqaleb esklussivament fuq l-attrici b'dan li l-istess ghandha tibda' tithallas mill-istess attrici ma' l-ewwel skadenza mid-data ta' din id-decizjoni.

2) Il-*garage* li huwa wkoll mikri lill-partijiet mill-Gvern, li jinsab fil-vicinanzi tal-fond matrimonjali u li prezentement qed jintuza' minn bint il-partijiet ghall-karozza taghha ghandu jigi assenjat lill-attrici u l-kera tithallas minnha.

3) Il-vettura Toyota Reg. Nru JBE 682 li tinsab fil-pussess tal-konvenut qed tigi assenjata lilu. Fuq din il-vettura, kif diga' ssemma', hemm dejn mal-Bank of Valletta p.l.c. li qed jithallas b'pagamenti mensili mill-konvenut. Dan id-dejn ghandu jibqa' a karigu ta' l-istess konvenut.

4) Il-vettura l-ohra Isuzu Reg.Nru. BBJ 719 flimkien mal-karru li jgib l-istess numru qed tigi assenjata lill-konvenut

flimkien ma' diversi oggetti konnessi ma' l-armar ta' *stall* fuq il-monti, kif ukoll *stock* li kien ibiegh l-istess konvenut. Minhabba li dawn allegatament jinsabu fil-pussess tal-konvenut u qed jinzammu mahzuna f'*garage* f'Hal Tarxien hija ma tistax tistabbilixxi l-valur ta' dawn l-oggetti. Dan *oltre* affarijiet ohra li l-attrici ssostni li l-konvenut nehha mill-*garage* ta' Hal Qormi.

5) Illi rigward l-ghamara u l-oggetti mobbli li jinsabu fil-fond matrimonjali dawn qed jigu assenjati lill-attrici bl-eccezzjoni ta' l-oggetti mobbli li l-konvenut akkwista minn wirt. Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li l-magna tal-hjata ta' l-idejn, zewg vazuni wiehed tat-*terracotta* u l-iehor persjan, kif ukoll arlogg, u mejda tat-*television* bajda (*chrome*) huma provenjenti mill-wirt tieghu. B'hekk dawn qed jigu assenjati lilu u l-attrici ghandha tghaddi l-pussess taghhom lill-konvenut. Il-konvenut nizzel fil-lista tieghu annessa ma' l-affidavit tieghu kavallier tar-ram u arlogg antik tal-kuridur. L-attrici issostni li l-kavallier tar-ram inghata lilhom bhala rigal. Din il-Qorti tiddeciedi li l-kavallier tar-ram, kif ukoll l-arlogg antik tal-kuridur qed jigu assenjati wkoll lill-konvenut u l-attrici ghandha ttih dawn l-oggetti. Dawn l-oggetti mobbli qed jigu assenjati lill-attrici sabiex jaghmlu *in parte* tajjeb ghall-valur ta' sehem l-attrici mill-vetturi fuq indikati li gew assenjati t-tnejn lill-konvenut.

Illi l-konvenut sostna li bhala oggetti parafernali tieghu ghandu *sottospecchio* bl-irhama tal-baffi u sitt (6) siggijiet antiki. L-attrici sostniet li dawn inxtraw waqt iz-zwieg. Illi dwar dan il-konvenut ma gab l-ebda prova u allura l-prezunzjoni li tali oggetti huma tal-komunjoni ghandha tissussti, u dawn ukoll qed jigu assenjati mill-attrici flimkien mal-mobbli kollha ezistenti fid-dar matrimonjali.

Illi r-rapprezentanti tal-Banek lokali xehdu dwar il-kontijiet bankarji tal-partijiet. Ma rrizultawx xi ammonti kbar izda dak li hemm ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. L-attrici f'dan ir-rigward sostniet li l-konvenut kellu miftuhin f'ismu u ohrajn li ghad ghandu miftuhin f'ismu wahdu, meta dawn kienu flusijiet generati fiz-zwieg, u ghalhekk formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, hija talbet li jigi likwidat ammont adegwat u xieraq li jirrapprezenta s-

sehem taghha minn dawk id-depoziti li kienu jsiru mill-konvenut, u li sussegwentement gew zbankati minnu wahdu. M'hemm l-ebda dubju li l-flus f'dawn il-kontijiet, anke dawk li nghalqu, huma flus li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Izda l-allegazzjoni mressqa mill-attrici m'hiex pruvata. Ma giex ippruvat li l-konvenut zbanka xi flus minghajr il-kunsens ta' martu u ghalhekk it-talba attrici f'dan is-sens ma tistax tintlaqa'.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u filwaqt li **tichad il-hames u is-sitt talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li l-konvenut irrenda ruhhu hati *verso* l-attrici ta' adulterju, eccessi, mohqrija u ngurji gravi, li kawza ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet giet reza mhux aktar possibbli u z-zwieg ta' bejniethom b'hekk tkisser b'mod irrevokabbli.

(2) Tilqa' t-tieni talba attrici b'dan li tordna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' retta alimentari ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema pagamenti ghandhom jsiru kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici, u dan billi l-istess ammont hawn likwidat favur l-attrici jigi mnaqqas direttament sa fejn huwa possibbli mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali mill-beneficcji socjali u pensjoni li jircievi l-konvenut, u jinbaghat direttament lill-attici n forza ta' din is-sentenza u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess Dipartiment, sabiex in konformita' mal-ligi, jadderixxu ruhhom ma' l-istess.

Illi tordna wkoll lill-konvenut sabiex a bazi tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ihallas l-arretrati kollha tas-servizzi kollha ta' ilma, dawl, u telefon u kera tad-dar matriminjali sad-data tas-sentenza, b'dan li b'effett mid-

data ta' din id-decizjoni, l-istess servizzi jibdew ikunu a karigu ta' l-istess attrici.

(3) Tilqa' t-tielet talba attrici u tapplika kontra konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto* b'dan li d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi mizmum li ta lok ghal din il-firda personali hija dik ta' Ottubru 2002.

(4) Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' Ottubru 2002. Din il-Qorti tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti *arbitro boni viri* bil-mod segwenti:-

(i) Il-fond matrimonjali, Block 5, Triq id-Deheb Fin, Qormi li huwa mikri lill-partijiet mill-Awtorita' tad-Djar ghandha tibqa' tghix fih l-attrici flimkien ma' uliedha Caroline u Colin, ahwa Gauci, u b'hekk il-kirja ta' dan il-fond qed tigi assenjata lilha. Il-kera ghandha tibda tithallas mill-istess attrici b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

(ii) Il-*garage* li huwa wkoll mikri lill-partijiet mill-Gvern, li jinsab fil-vicinanzi tal-fond matrimonjali u li prezentement qed jintuza' minn bint il-partijiet ghall-karozza taghha ghandu jigi assenjat lill-attrici u l-kera ta' l-istess ghandha tithallas minnha.

(iii) Il-vettura Toyota Reg. Nru JBE 682 li tinsab fil-pussess tal-konvenut qed tigi assenjata lilu. Fuq din il-vettura, kif diga' ssemma', hemm dejn mal-Bank of Valletta p.l.c. li qed jithallas b'pagamenti mensili mill-konvenut. Dan id-dejn ghandu jibqa' a karigu ta' l-istess konvenut.

(iv) Il-vettura l-ohra Isuzu Reg. Nru: BBJ 719 flimkien mal-karru li jgib l-istess numru qed tigi assenjata wkoll lill-konvenut, flimkien ma' kull oggett li ghandu x'jaqsam ma' l-armar fuq il-monti, li kollha jinsabu fil-pussess gja ta' l-istess konvenut.

(v) Illi rigward l-ghamara u l-oggetti mobbli li jinsabu fil-fond matrimonjali dawn qed jigu assenjati lill-attrici bl-

eccezzjoni ta' l-oggetti mobbli li l-konvenut akkwista minn wirt u oggetti ohra senjatament magna tal-hjata ta' l-idejn; zewg vazuni wiehed tat-*terracotta* u l-iehor persjan, kif ukoll arlogg; u mejda tat-*television* bajda (*chrome*), kif ukoll kavallier tar-ram u arlogg antik tal-kuridur.

(vi) Il-kontijiet bankarji tal-partijiet ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

(5) Tichad il-hames talba attrici *stante* li m'hiex applikabbli.

(6) Tichad is-sitt talba attrici *stante* li ma gewx prodotti provi li l-konvenut ghandu xi beni dotali u parafernali taghha fil-pussess tieghu;

(7) Tilqa' s-seba' talba attrici billi tawtorizza lill-attrici tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------